**139. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, liema abbozz ta' liġi kien moqri l-Ewwel Darba fis-Seduta tas-6 ta' Frar, 1984.

1. Illi dan l-Abbozz ta' Liġi jkun dikjarat urġenti u aktar minn stadju wieħed tiegħu jista' jittieħed fl-istess seduta.
2. Illi fis-Seduta li fiha jkun hemm għad-diskussjoni dan l-Abbozz ta' Liġi fid-diversi stadji tiegħu, id-diskussjoni għandha tieqaf fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, jekk ma tkunx intemmet qabel, u f'dak il-ħin is-Sedja tgħaddi biex tqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar l-istadji kollha tal-Abbozz ta' Liġi.
3. Iżda anke jekk ikun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi jew klawsoli ġodda li fihom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni, u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni.

03.02.1984